MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-2 ta' April, 2004

Talba Numru. 359/2004

**Mirage Holdings Limited**

**Vs**

**Rosina Darmanin**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta' Frar, 2004, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn u tlieta u erbghin lira Maltin (Lm243) rappresentanti in kwantu ghas-somma ta' Lm222 import ta' tmien kambjali li d-data ta' maturita' taghhom skadiet, annessi ma'l-avviz u immarkati bhala Dokumenti 1 sa 8, in kwantu ghas-somma ta' Lm8, prezz ta' merkanzija lilha mibjugha u ikkonsenjata u in kwantu ghas-somma ta' Lm13 dovuti bhala imghax legali fuq l-istess sad-data tal-prezentata ta'l-avviz.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali ulterjuri sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenuta, ingunta in subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma dehitrx la fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn u tletin lira Maltin (Lm230), kif ukoll Lm13 imghaxijiet sad-data tal-prezentata ta'l-avviz u bl-imghaxijiet legali ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------